MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru 26/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ahmed Esawi Mohamed Fakri ta' nazzjonalita Libjana, iben Esawi u Bejja nee' Burdu, imwieled Libja u residenti Malta, li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjuba fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali kontra l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri

li originarjament kien identifika ruhu bhala Mohamed Goma Mohamed Bakkush u li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah (1) li importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; (2) li assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (3) li kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri debitament registrata u li fiha l-istess akkuzat ippersista anke wara li gie debitament imwissi minn dik il-Qorti skond l-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, iddikjaratu hati skond it-tliet kapi ta' l-imsemmi att ta' akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' hdax-il sena prigunerija bit-tnaqqis tal-perijodu ta' l-arrest preventiv, kif ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' tmintax-il elf liri (Lm18,000) li jekk ma tithallasx minnufih tigi awtomatikament konvertita fi tnax-il xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' hames mija u erbatax-il lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm514.78) import ta' l-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza. Giet ukoll ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati. Giet ordnata wkoll id-distruzzjoni ta' l-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti bl-assistenza ta' l-Ispizjar Mario Mifsud sakemm fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza l-Avukat Generali ma jinfurmax lil dik il-Qorti b'nota li ghandu bzonn li dik id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra

terzi, u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta dik id-droga tkun giet hekk distrutta; u dan kollu wara li dik il-Qorti kkunsidrat hekk:

"Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena;

Qieset favur il-hati, il-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, u addirittura ftit tal-granet wara li gie notifikat bl-Att tal-Akkuza kif ukoll li hu ammetta mal-ewwel il-htija w involviment tieghu mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni w anki ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti w ikkoopera bis-shih mal-Pulizija u kixef minn fejn kien akkwista d-droga u ghal min kienet iddestinata u kien dispost li jixhed fil-proceduri kriminal eventwali kontra terzi, u anki sahansitra ddepona fil-kumpilazzjoni tieghu stess fejn ammetta l-involviment tieghu;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" (31.10.2002) u "Ir-Repubblika ta' Malta vs

Hasan Omar Ibrahim Farag" (15.05.2003)), kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b'verbal appozitu;

Rat il-verbal tal-lum li bih il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ghal dan il-kaz hija applikabbli d-disposizzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Qieset ukoll l-allegazzjoni tal-hati li hu qabel u fiz-zmien tal-kommessjoni (*sic!*) minnu ammessi kien dipendenti fuq id-droga erojina pero` li hu stess ukoll stqarr fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti li d-droga li kien importa gewwa Malta ma kinitx intiza ghalih;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzat li hu kien qieghed jimporta go Malta kwantita` ta' 1063.8 grammi tad-droga eroina ta' purita` ta' cirka 82% u li din il-kwantita` sostanzjali ta' droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta` Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b'abbuz tal-ospitalita` li l-gens Malti tah bhala barrani li kien qed izur dawn il-Gzejjer;

Qieset ukoll l-eta` tal-hati (28), meta saru r-reati w li allura tindika li ma kienx ta' eta` zaghzugha meta kkommetta l-istess reati u l-fedina penali tieghu esebita waqt l-udjenza mill-Avukat Generali kif ukoll il-mezz kif kienet giet impurtata d-droga;

Qieset ukoll il-fatt li ghal sentejn u sitt xhur shah halla l-proceduri kontra tieghu jimxu taht isem u kunjom falz u generalitajiet foloz;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat in kwantu l-kwantita` u purita` tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` f'sentenzi li jirrigwardaw din il-materja".

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ahmed Esawi Mohamed Fakri pprezentat fit-8 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza

appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija u tvarjaha in kwantu ghall-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, wahda aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant javvanza zewg aggravji: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin u enuncjazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 u (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, li l-piena nflitta kienet eccessiva.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet riferenza u applikat il-principju enuncjat fl-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 ghall-kaz odjern meta l-ligi li ghandha tapplika hija l-ligi specjali ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101). Ghalhekk, isostni l-appellant, a bazi tal-principju illi *lex specialis derogat legi generali*, l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina ta' l-imsemmi artikolu ghaliex huwa parti minn ligi generali u ma setax jigi applikat ghal kaz ta' traffikar ta' droga fejn il-legislatur haseb ghal ligi specjali. Ikompli jghid li l-Kap. 101 ma jispecifikax il-minimu ta' prigunerija li l-Qorti tista' timponi f'kaz ta' traffikar ta' droga izda taghmel riferenza ghall-minimu ta' prigunerija f'kaz ta' meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu. Ghalhekk fil-kaz odjern l-ewwel Qorti, dejjem skond l-appellant, ma kinitx korretta meta, fl-argumentazzjoni taghha, hadet il-minimu ta' tmintax-il sena prigunerija sabiex waslet ghal piena ta' hdax-il sena prigunerija wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-akkuzat, l-ammont u l-purita` tad-droga, l-eta` ta' l-akkuzat, il-perijodu ta' tliet snin li dam taht arrest preventiv kif ukoll il-kollaborazzjoni bis-shih tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u bhala konsegwenza l-applikabilita` ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101. F'kaz ta' ammissjoni ta' traffikar ta' droga fi stadju bikri tal-process qabel ma tigi furmata l-gurija, il-Qorti Kriminali tkun zbaljata jekk

tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 492(1) tal-Kap. 101. Konsegwentement, f'kaz bhal dak odjern, l-appellant issottometta li stante li l-ligi hi wahda specjali, stante n-non-applikabilita` ta' l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9, u stante li l-Kap. 101 ma jispecifikax il-minimu ta' prigunerija f'kaz ta' ammissjoni, il-Qorti trid tuza d-diskrezzjoni taghha u, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tiffissa minimu ta' prigunerija u minn dan l-istadju tibda tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi li jimmitigaw il-piena.

Din il-Qorti ezaminat id-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, u tistqarr li ma tistax taqbel mal-punt imqajjem mill-appellant dwar in-non-applikabilita` ta' l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 f'dawk il-kazijiet li jirrigwardaw il-ksur ta' xi dispozizzjonijiet tal-Kap. 101 (u allura wkoll, *mutatis mutandis*, tal-Kap. 31).

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 gie introdott fil-Kap. 9 permezz ta' l-Att numru III ta' l-2002[1]. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

**"Meta f'xi stadju qabel jigi fformat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu u ghall-fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, il-qorti <u>tista'</u>, minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa tletin sena"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), persuna li tinsab hatja mill-Qorti Kriminali ghal reat taht l-artikolu 4 jew taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 8 jew ghal reat li jkun jikkonsisti fil-bejgh jew traffikar ta' medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza jew ikun reat taht il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' medicina, bi ksur tas-disposizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza, taht tali cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, jew

[1] L-artikolu 114 ta' l-Att III ta' l-2002 ipprovda li d-disposizzjoni ezistenti ta' l-artikolu 492 kellha tigi enumerata mill-gdid bhala s-subartikolu (2) u minnufih qabel dik id-disposizzjoni kif enumerata mill-gdid kellu jidhol is-subartikolu gdid.

ikun reat imsemmi fis-subartikolu (1C) jew (1D) jew (1E), tehel il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. Pero` jezistu cirkostanzi fejn il-Qorti Kriminali tista' ma tapplikax dik il-piena. Difatti l-imsemmi subartikolu (2) ikompli fil-paragrafu (a)(i) hekk:

"**Izda:**

**(aa) meta l-qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta` tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina u x-xorta u l-kwantita` tat-taghmir jew materjali, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa; jew**

**(bb) meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu,**

**f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jigifieri filwaqt li s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 tal-Kap. 9 jikkontempla biss il-kaz fejn tigi registrata ammissjoni qabel ma jigi fformat il-guri, id-disposizzjoni appena citata tal-Kap. 101 tikkontempla cirkostanzi ohra li ma jinkludux il-fatt ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat. Ghalhekk tista' tinholoq sitwazzjoni fejn persuna tinsab akkuzata bi ksur ta' xi disposizzjoni kif indikat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu u li tammetti qabel ma jigi fformat il-guri izda ma jkunux jezistu c-cirkostanzi msemmijin fil-paragrafu (aa) hawn fuq citat. Kieku kellha tigi accettata s-sottomissjoni ta' l-appellant li minhabba l-principju li *lex specialis derogat legi generali*, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 mhuwiex applikabbli, dik il-persuna ma tkun tista' tibbenefika minn ebda tnaqqis fil-piena minhabba biss l-ammissjoni taghha. Fejn, imbaghad, tigi registrata ammissjoni kif ukoll ikunu jezistu xi cirkostanzi a tenur tal-paragrafu (aa) imsemmi, huma applikabbli kemm is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 tal-

Kap. 9 kif ukoll il-paragrafu (aa) tal-*proviso* tal-paragrafu (a)(i) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101: ta' l-ewwel li tippermetti lill-Qorti tinzel sa minimu ta' tmintax-il sena prigunerija minflok il-piena ghall-ghomor u tat-tieni li tippermetti lill-Qorti tinzel sa minimu ta' erba' snin (il-massimu fiz-zewg kazijiet huwa l-istess, dak ta' tletin sena). Il-Qorti ovvjament imbaghad, galadarba tiddeciedi li l-kaz mhuwiex wiehed li jimmerita l-prigunerija ghall-ghomor, tuza d-diskrezzjoni taghha biex tinfliggi dik il-piena li jidhrilha li tkun xierqa skond ic-cirkostanzi tal-kaz u fil-parametri hawn imsemmija.

Huwa veru li l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, kemm fil-parti deliberattiva kif ukoll fil-parti decizjonali, ghamlet biss referenza ghall-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 u m'ghamlitx referenza ghall-paragrafu (aa) aktar 'il fuq imsemmi; izda dan jista' jfisser biss li dik il-Qorti, filwaqt li kienet qed tara li kien applikabbli l-artikolu 492(1) minhabba ammissjoni, ma kinitx qed tara li kien hemm xi cirkostanza skond l-imsemmi paragrafu (aa) li setghet tkun ta' mitigazzjoni ghall-piena fit-terminu tal-*proviso* relattiv.

Certament l-ewwel aggravju ta' l-appellant li l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 ma kienx applikabbli hu infondat, u se mai l-appell irid jigi kkunsidrat fil-kuntest tat-tieni aggravju, u cioe` l-aggravju li l-piena kienet wahda eccessiva, biex jigi determinat jekk bhala fatt kienx hemm xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafu (aa). Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant jilmenta li l-piena hija eccessiva. Jghid li l-kriterji kollha applikabbli relattivament ghall-mitigazzjoni fil-piena, u cioe` l-ammissjoni, l-artikolu 29 tal-Kap. 101 u l-arrest preventiv, kellhom ikollhom applikabilita` effettiva aktar minn dik attribwita lilhom fis-sentenza appellata.

Issa dan huwa kaz fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Inoltre huwa ppersista fl-ammissjoni tieghu anke wara li gie mwissi b'mod l-aktar solenni mill-ewwel Qorti, kif titlob il-ligi, dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu.

Kif din il-Qorti dejjem irriteniet u hawn tirribadixxi, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tippreflggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fil-kaz odjern m'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta hija sew entro l-parametri tal-ligi u ferm il-boghod minn dik massima (prigunerija ghall-ghomor) stabbilita mil-ligi jew il-massimu ridott ta' tletin sena. Kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti hawn aktar 'il fuq riportati, dik il-Qorti mponiet il-piena attwali fid-diskrezzjoni taghha wara li kkunsidrat dak kollu li kien hemm x'seta' jigi kkunsidrat. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament l-atti tal-kawza, ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tiddipartixxi minn dik il-piena, kemm karcerarja kif ukoll pekunjarja. In partikolari ma tara li kien hemm ebda cirkostanza kif ravvizata fil-paragrafu (aa) imsemmi li b'xi mod kellu jispingi lill-ewwel Qorti lejn il-minimu ta' erba' snin prigunerija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali kif ukoll il-perijodu sabiex l-Avukat Generali jinforma lil din il-Qorti permezz ta' nota jekk id-droga ghandhiex tibqa' preservata ghall-iskop ta' proceduri kontra terzi jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------